Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 240/2017**

Il-Pulizija

vs

**Jonathan Attard**

Illum, 9 ta' Jannar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fix-xhur ta' Awissu, Settembru, Ottubru u Novembru 2016, naqas milli jaghti lil Raisa Micallef ghat-tifla minuri tieghu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-

Artikolu 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti sabet lill-imputat hat ital-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Attard minnu pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha Filwaqt li tikkonferma dik il-part tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li huwa fl-ebda hin ma jrid jonqos mill-obbligi tieghu, izda minhabba l-fatt li huwa ghamel zmien minghajr impieg, qed isibha ferm difficli li jhallas il-manteniment tax-xahar, flimkien mal-arretrati dovuti.

2. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment ihoss li jekk jintbghat xahar prigunerija, huwa jkun ulterjorment prekluz milli jilhaq l-obbligi tieghu, u tali nuqqas zgur li jkun anki ta' detriment fuq il-wild minuri tieghu Shelenia Attard.

3. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment ihoss li jekk jintbghat xahar prigunerija, huwa ser jitkecca mix-xoghol prezenti u prattikament ikun impossibbli ghalih li jhallas il-manteniment.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti ukoll, li barra minn dan, il-piena inflitta fil-konfront tieghu ma kienetx wahda

idonea. Fil-fatt l-appellant instab hati bi ksur tal-Artikolu 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reati huma ta' natura kontravvenzjonali.

5. Illi konsegwentement, l-appellant umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma setghet qatt tinfliggа l-piena ta' xahar priginerija fil-konfront tieghu, meta ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-piena tista' tinghata biss ghad-delitti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li fis-seduta tas-7 ta Jannar, 2020 l-partijiet irremettew ruhhom ghall-atti proceswali b'mod partikoalri ghan nita konguntiva [1]prezentata minnhom seduta stante

Ikkunsidrat,

Rat dk verbalizzat fis-edut tl-24 ta Ottubru 2019 mill-appellant u cioe li kien qieghed jghaddi seduta statne is-somma ta mitejn u hamsin euro (€250) lill-parte civile Raisa Micallef u fejn iddikjara li kien ghad fadal bilanc ta' €1,450 x'jaghti lilha rappresentanti manateniment dovut minnu ghat-tifla minuri taghhom Shelenia.

[1] Fol.. 63 ta l-atti

Rat in-nota konguntiva pprezentata fl-atti seduta stante nhar is-7 ta Jannar, 2020 fejn il-partijiet qablu li l-pendenzi ta' bejniethom fir-rigward tal-hlas ta' manteniment gew imhalsa fl-intier taghhom u ghalhekk ma fadalx aktar arretrati dovuti.

Ikkunsidrat.

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' xaghar prigunerija moghtija mill-ewwel Qorti ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u omm bintu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u bintu .

B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp martu u uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' prigunerija imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Jonathon Attard billi tħassar is-sentenza appellate fejn kkundannat lill-istess appellant għal xaghar prigunrija

u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda ta' mitejn euro (€200) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat Jonathn Attard jħallas l-ammenda imposta fuqu b'din is-sentenza ratealment bir-rata ta' hamsin euro (€50) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli mhux aktar tard mill-31 ta Jannar 2020, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur